# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PARZJALI 2120

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2742/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Carmelo Agius**

**vs**

**Antoine Tanti**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.**

Illum 17 ta' Jannar 2012

Permezz ta' din id-Decizjoni qed tigi deciza l-eccezzjoni preliminari sollevata minn Carmeolo Agius ghar-rikors ta' Antoine Tanti sabiex il-kaz deciz minn dan it-Tribunal diversament presjedut jigi ritrattat.

**Il-Fatti Relevanti**

Fl-14 ta' Dicembru 2009 Carmelo Agius kien beda proceduri quddiem dan it-Tribunal u talab li jigi dikjarat li t-tkeccija tieghu mill-impieg li sehhet fit-3 ta' Settembru 2009 kienet wahda ingusta. L-intimat Antoine Tanti la qatt deher ghall-kaz u anqas dahhal risposta, sa ma l-kaz gie deciz kontra l-istess intimat fl-14 ta' Mejju 2010.

B'rikors tat-30 ta' Lulju 2010 Antoine Tanti ppremetta li ftit jiem qabel kien sar jaf li kien hemm procedura fit-Tribunal Industrijali li spiccat b'decizjoni finali fl-14 ta' Mejju 2010, u li huwa la qatt gie notifikat u anqas kien jaf b'dak

il-kaz. Ghaldaqstant huwa talab biex bl-applikazzjoni tal-artikolu 811(b) u 812 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta d-decizjoni moghtija fl-14 ta’ Mejju 2010 tithassar a bazi ta’ nuqqas ta’ notifika, u li l-kaz jigi trattat mill-gdid.

Carmelo Agius irrisponda fis-27 ta’ Settembru 2010 u in linea preliminari eccepixxa li r-rikors ta’ Antoine Tanti huwa ghal kollox irritwali press li ma jirrizultax li hemm xi dritt ta’ ritrattazzjoni kif qieghed jippretendi bis-sahha ta’ Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalkemm il-verbal tat-22 ta’ Frar 2011 jindika li kellhom jingiebu provi fuq il-mertu, l-intendiment bejn il-partjiet u t-Tribunal innifsu kien car li l-ewwel kellha tigi trattata l-eccezzjoni preliminari, tant li fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2011 l-avukati rispettivi tal-partijiet attendew u ttrattaw l-eccezzjoni preliminari tal-irritwalita ta’ ritrattazzjoni f’kazijiet quddiem it-Tribunal Industrijali.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

L-abbli difensur ta’ Carmelo Agius jirrileva li Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jsemmix li jezisti dritt ta’ ritrattazzjoni, mentri l-abbli difensur ta’ Antoine Tanti tirrileva li kull decizjoni taghti lok ghal ritrattazzjoni.

Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal artikolu 77 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid li t-Tribunal Industrijali ikollu dawk is-setghat li bil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili huma moghtija lill-Qorti Civili, Prim’ Awla. Imbaghad Artikolu 812 tal-imsemmi Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid li r-ritrattazzjoni ta’ kawza deciza b’sentenza moghtija minn qorti tal-ewwel grad (allura inkluza l-Prima’ Awla tal-Qorti Civili), u li ghaddiet f’gudikat tista tinghata wkoll fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess,

basta l-parti tkun giet taf bil-fatt illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell.

Illi di piu l-Qrati taghna dejjem zammew is-setgha li jaghtu r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni minn Tribunali ohra mahluqa bil-ligi. Hekk per ezempju fil-kaz  Maureen Scicluna vs Dr Anthony P. Farrugia (Appell Civili 804/03AJM) saret ritrattazzjoni minn Tribunal ghal Talbiet Zghar.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddecidi preliminarjament billi jichad l-l-ewwel eccezzjoni ta’ Carmelo Agius, u cioe` dik tal-irritwalita` tal-procedura tar-ritrattazzjoni quddiem dan it-Tribunal, u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kaz skond il-ligi.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman